**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 9 t' Ottubru, 2015**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Spiridione Zammit]**
**[Spettur Hubert Cini]**

**vs**

**Tony (Anthony) Abela**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Tony (Anthony) Abela detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 109171M.

Akkuzat talli fil-lejn bejn 31 ta' Marzu u l-1 t' April, 2014 mill-fond tal-Pixkerija sit ta' kostruzzjoni fi Triq Albert Town Marsa u/jew f' dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta' pajpijiet tar-ram u/jew oggetti ohra liema serq

huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro 2329.37 ewro u sebgha u tletin centezmu ghad-detriment ta' Jason Muscat mir-Rabat u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra;

Ukoll talli f' xi zminijiet qabel l-1 t' April, 2014 minn Hal-Luqa kkommetta serq ta' pjanca ta' vettura minn fuq vettura ghamla Austin Metro numru KAR 243 liema serq hu aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Joseph Coleiro minn Hal-Luqa u/jew ta' persuni ohra;

Ukoll talli fl-istess cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement kull mod li kien indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom;

Ukoll talli fl-1 t' April, 2014 ghal habta ta' 1:30am u/jew hin qabel fit-Toroq Throughbridge Albert Town fil-Marsa u/jew postijiet ohra f' dawn il-Gzejjer saq vettura tal-ghamla Hyundai Lantra numru tar-registrazzjoni CAG 397 minghajr licenzja u mhux koperta b' polza tal-assigurazzjoni;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda u/jew aktar minn wahda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Magistrat Dr A Micallef Trigona LL.D. b' digriet datat 31 ta' Lulju, 2013 u li permezz taghhom huwa nghata l-helsien mill-arrest that diversi kundizzjonijiet, fosthom li jiffirma kuljum fl-ghassa ta' Hal-Qormi u jirrinkaza gewwa mis-7pm – 10am.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli gar-reati msemmija, tirrevoka 'contrario imperio' d0-digrieti tal-helsien mill-arrest datat 31.07.2013 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Tony Abela kif ukoll li s-somma ta' 5,000 ewro bhala garanzija personali, li giet imposta fuqu sabiex jaghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat ukoll talli kiser il-provvediment al-artiklu 7 tal-Kap 446 moghti lilu mill-Qrati tal-Magistrati Malta (Dr. A. M. Trigona LL.D);

Il-Qorti giet mitluba li f' kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala li sar recediv ai terminu tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap  tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lilu u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 2 t' April, 2014 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet is-Sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fl-1 t'April 2014 ghall - habta tas-siegha ta' filghodu gie arrestat l-imputat minhabba suspett ta' serq. Fit-tali gurnata u hin, f'Albert Town il-Marsa l-Pulizija lemhu vettura li kellha n-numru tar-registrazzjoni CAG 397 li meta x-xufier taghha nduna bihom tefa' d-dawl u beda' jimxi b'lura. Il-Pulizija tal-RIU waqfu din il-vettura u minn tfittxija li saret fil-vicinanza nstabu li kien hemm pajpijiet tar-ram li gew elevati mill-Pulizija u nstabet xi sustanza suspettuza. L-ghada sar rapport minn certu James Muscat li kienu nsterqu xi pajpijiet tar-ram mill-Pixkerija fejn huwa kien qed jaghmel xi xogholijiet u huwa gharaf l-oggetti li gew elevati mill-Pulizija fil-lejl ta' qabel bhala uhud mill-pajpijiet tar-ram li kien sab nieqsa. Jason Muscat prezenta stima ta' kemm kienu jiswew l-affarijiet li nsterqu (Dok HC 1). Dawn il-pajpijiet gew esebiti formalment wara li ttiehdu ritratti taghhom mill-Pulizija tal-Forensic Unit. Fil-vettura misjuqa mill-imputat instabet ukoll pjanca bin-numru ta' registrazzjoni CAR 243 li kienet tappartjeni lil vettura registrata fuq Joseph Coleiro. Wara li l-imputat gie arrestat ittiehditlu stqarrija (Dok SZ 4) fejn l-imputat ghazel li ma jwegibx ghad-domandi li sarulu.

Ikkunsidrat:

Illi fl-udjenza tal-10 t'April 2014 xehdet WPS 167 Justine Grech fejn qalet li fl-1 t'April 2014 kienet irceviet telefonata mill-Control Room tal-Pulizija minhabba li kien hemm bzonn ta' assistenza. Hija kienet marret il-Marsa fejn sabet Pulizija mill-iskwadra tal-RIU li kienu qeghdin jaghmlu tfittxija f'vettura tal-ghamla Hyundai li kellha numru ta' registrazzjoni CAG 397 u kienet misjuqa minn Anthony Abela. Hija giet infurmata mill-Pulizija tal-RIU

li waqt li huma kienu qeghdin jaghmlu roadblock raw din il-vettura hierga minn Triq ix-Xwieni l-Marsa u kif ix-xufier induna li kien hemm il-Pulizija tefa' d-dawl tal-vettura u beda jsuq b'lura. Meta raw hekk l-Pulizija saqu ghal warajh u PC 131 avvicina lix-xufier u qallu sabiex johrog mill-vettura. Is-sewwieq ta' din il-vettura kien l-imputat odjern Anthony Abela.  Waqt li kien hiereg mill-vettura, l-imputat rema' xi haga fl-art u rrizulta li din il-borza kien fiha xi trab kannella suspettata droga. PC 191 qal lil din ix-xhud li meta ra din il-vettura hierga minn gewwa Triq ix-Xwieni bdiet timxi b'lura meta x-xufier induna bihom u kif mar ghal wara din il-vettura sema' hoss u ra xi pajpijiet twal tar-ram jaqghu mill-vettura. Kemm il-vettura u l-istess pajpijiet li nstabu fl-art gew mehuda mill-Pulizija fejn gew fotografati. Gie esebit rapport maghmul mill-istess WPS 196 Justine Grech li jinsab a fol 32 (dok JG 1).

Xehed ukoll l-iSpettur Spiridione Zammit fejn gie infurmat mill-Ispettur Hubert Cini li kien arresta lil Anthony Abela. Dan gie infurmat li l-imputat kien gie arrestat mill-Pulizija tal-RIU wara li kienu rawh jitfi d-dawl u jsuq b'lura ghal habta tas-siegha ta' filghodu. Waqt li bdew jimxu warajh semghu xi hoss ta' pajpijiet jaqghu fl-art u ftit wara gie arrestat l-imputat. Hdejn l-imputat ingabret ukoll borza li kien fiha xi trab kannella fiha suspettata li kienet droga. L-imputat kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni CAG 397 li kienet registrata fuq Liona Bartolo. In-numru ta' registrazzjoni li kien hemm fuq din il-vettura kien ta' vettura ohra u cioe' ta' Austin Metro registrata fuq Joseph Coleiro. Meta kellmu lill-imputat fuq dan il-kaz kien ghazel li ma jwegibx ghal mistoqsijiet. Gew esebiti tlett rapporti (dok SZ 1 sa SZ 3 a fol 44 et seq) kif ukoll l-istqarrija tal-imputat (dok SZ 4) kif ukoll pjanca tan-numru tar-registrazzjoni tal-

vettura bin-numru KAR 243. Irrizulta li din il-vettura misjuqa mill-imputat kienet bla polza t'assigurazzjoni minhabba li kienet skadiet il-gurnata ta' qabel. Curtis Bakoush kien gie mitkellem ukoll mill-Pulizija fuq dan il-kaz fejn ikkonferma li kien sellef il-vettura lill-imputat.

Fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2014 xehed l-ispettur Carlos Cordina fejn esebixxa digriet tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest mahrug mill-Magistrat Anthony Micallef Trigona nhar il-31 ta' Lulju 2013 fil-konfront ta' Anthony Abela (dok CC 1).

Fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2014 gew esebiti zewg sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat mill-ispettur Hubert Cini dok AD 1 u dok AD 2 (a fol 74 et seq).

Fl-istess seduta xehed PC 131 Nathan Bugeja fejn qal li fl-1 t'April 2014 ghall- habta tas-siegha ta' filghodu kien qieghed flimkien ma' pulizija ohrajn waqt roadblock. Huwa sema lil PS 267 jghajjat li kien hemm vettura li dak il-hin baxxiet id-dawl biex ma tidhirx u qabdet issuq b'lura. Huwa telaq jigri warajha bil-pass wara l-vettura u dak il-hin ix-xufier ghamel U-turn ghal gewwa side street ma' Triq ix-Xwieni. Fil-pront gie PC 473 b'vettura u tela' fiha u marru jigru ghal wara din il-vettura. Huma ghalqu t-triq u s-sewwieq tal-vettura kien gej fuqhom izda waqaf u harguh mill-vettura fejn ix-xufier rema borza zghira b'xi haga kannella fiha. Huwa gharaf li kien l-istess imputat li huma waqfu fit-triq. Fil-vettura ma kienu sabu xejn partikolari ghajr mus.

Xehed ukoll fl-istess seduta PC 199 Mark Muscat fejn qal li fl-1 t'April 2014 ghall-habta tas-siegha ta' filghodu waqt li kienu qeghdin jaghmlu roadblock gewwa l-Marsa huwa nnota vettura li tfiet id-dawl taghha u s-Surgent qallu sabiex iwaqqaf din il-vettura. Kif beda’ jimxi lejha, x-xufier beda’ jsuq b'lura u dar ghal triq ohra u dak il-hin sema' bhal hoss ta' hadid jaqa' fl-art. Ftit wara din il-vettura giet imwaqqfa u arrestaw persuna li kien qieghed isuqha. Huwa qal li kien ra pajpijiet fl-art li kienu tar-ram fit-triq minn fejn ghaddiet din il-vettura. Huwa ma kienx ra din il-persuna li qed ssuq il-vettura hlief wara li kienu arrestawh u gharfu bhala l-imputat.

Meta xehed PS 267 Anthony Cassar huwa qal li fl-1 t'April 2014 waqt li kienu qeghdin jaghmlu roadblock il-Marsa rrizulta li vettura ta' lewn abjad bin-numru CAG 397 baxxiet id-dawl u mxiet b'lura bis-sahha ghal gewwa side street ohra. Vetturi tal-Pulizija marru ghal wara din il-vettura u waqfuha u arrestaw lix-xufier. Ix-xufier rema' borza b'xi trabb kannella fiha. Il-vettura rrizulta li ma kelliex licenzja u polza t'assigurazzjoni. Waqt li fl-akwati nstabu pajpijiet tar-ram li PC 199 ra jintremew mill-vettura ndikata. Dan ix-xhud gharaf lill-imputat bhala l-persuna li kien qieghed isuq il-vettura li huma kienu waqqfu.

Fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2014 xehed Stephen Cachia bhala rapprezentant ta' Transport Malta fejn qal li vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAR 243 hija registrata fuq Joseph Coleiro. Waqt li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAG 397 hija registrata fuq Liona Bartolo. Huwa esebixxa dokumenti fuq dawn iz-zewg vetturi bhala dok SC 1.

Fl-istess seduta xehed PS 1480 Sandro Mallia fejn qal li Joseph Coleiro gie jaghmel rapport minhabba li kienet instabet pjanca bin-numru ta' registrazzjoni KAR 243. Dan in-numru kien ta' vettura li qieghda fuq ismu izda giet skrepjata.

Fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2014 xehed l-ispettur Spiridione Zammit fejn esebixxa sentenzi fil-konfront tal-imputat (dok SZ 1, dok SZ 2 u dok SZ 3) u bail book fejn jiffirma l-istess imputat bhala dok SZ 4.

Fl-istess seduta xehed Jason Muscat fejn qal li huwa kien ghamel rapport minhabba li huwa kien qieghed jaghmel xi xoghol fil-Pixxkerija l-Marsa. Meta dahal lura ghax-xoghol fl-1 t'April 2014 innota li kien hemm pajpijiet tar-ram nieqsa. Huwa kkonferma li l-istess pajpijiet li kien xtara minghand l-agent kien rahom fl-Ghassa tal-Pulizija f'Rahal Gdid meta mar jaghmel ir-rapport izda dawn kienu biss parti mill-pajpijiet li nsterqu.  Huwa qal li nsterqu madwar elfejn euro f'pajpijiet tar-ram. Ghalkemm ma setax jghid b’certezza li dawn il-pajpijiet kienu l-istess li nsterqu minhabba li fis-suq hawn hafna pajpijiet tal-istess diametru dan ix-xhud spjega li l-pajpijiet li ra l-Ghassa skond hu huma parti mill-lot il-misruq. Huwa kkonferma d-dokumenti li jinsabu a fol 64 sa 69 u qal li dawk il-pajpijiet li kien ra l-Ghassa tal-Pulizija gew ritornati lura lilu. Ix-xhud spjega wkoll li fil-Pixkerija kien qieghed jaghmel xi xoghol fil-cold rooms minhabba li huwa Direttur tal-kumpanija Refpro Refrigeration. Huwa qal li kien gie nnutat li kien hemm materjal nieqes meta dahal lura ghax-xoghol fl-1 t'April 2014 u li ghalkemm

ix-xoghol kien ilu ghaddej minn Frar qatt ma kien sab xoghol nieqes qabel. Muscat qal li l-materjal li nsteraq kien gewwa l-binja li qed tinbena’ u ma kien hemm xejn imsakkar izda kienu qeghdin jinhbew fuq saqaf tal-cold rooms.

Fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2014 xehed PS 1257 Conrad Ellul fejn ikkonferma li Jason Muscat fl-1 t'April 2014 kien gie jaghmel rapport gewwa l-ghassa ta' Rahal-il Gdid. Dan ir-rapport kien sar minhabba li kien sab 32 pajp tar-ram nieqes flimkien ma' ghodda. Gie esebit ir-rapport bhala dok CE 1 a fol 147.

Fl-istess seduta xehdet Llona Bartolo fejn qalet li kienu kelmuha l-pulizija minhabba vettura Hyundai Lantra. Din il-vettura kienet fuq isimha izda kienet tal-gharus taghha. Hija qalet li l-gharus taghha Kurtis Bakush kien bieghha lil Anthony Abela u ikkonfermat li l-licenzja kienet tiskadi fl-ahhar ta' Marzu meta kien inqabad biha l-imputat. Xehed ukoll Kurtis Bakush fejn qal li kienu kellmuh il-pulizija minhabba Hyundai Lantra. Huwa qal li l-pulizija kienu kellmuh minhabba li kienu qabdu lil xi hadd li kien qieghed bil-karozza tieghu u cioe' lill-imputat Anthony Abela. Huwa qal li kien sejjer ibiegh din il-karozza lill-imputat izda dan ma kellux flus sabiex ihallsu. Huwa zied li kemm il-polza tal-assikurazzjoni kif ukoll il-licenzja kienu jiskadu dakinhar li kienu kellmuh il-Pulizija u spjega li l-vettura kienet ilha ghand l-imputat madwar xahar. Huwa qal li l-vettura kienet registrata fuq isem it-tfajla tieghu u cioe' Llona Bartolo. Ix-xhud ikkonferma li dakinhar kien qal lill-imputat sabiex f' nofs il-lejl jipparkja l-vettura minhabba li kellha l-licenzja u l-polza tal-assigurazzjoni li kienu ser jiskadu.

Fl-istess fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2014 xehed Joseph Coleiro fejn qal li kienu kellmuh il-Pulizija rigward pjanci ta' registrazzjoni li kienu nsterqulu. Huwa qal li l-vettura kienet gewwa ghalqa f'Hal Luqa. Huwa kien prova jsibhom wara li kienu kellmuh il-Pulizija izda ma kienx sabhom. Huwa zied li ma kienx jaf li kienu nsterqulu l-pjanci tal-vettura qabel ma kellmuh il-Pulizija minhabba li l-karozza kienet fl-ghalqa sabiex tigi skrepjatha.

Fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2014 xehed PC 199 Mark Muscat fejn wara li giet moqrija x-xhieda li kien ta a fol 82 u 83 tal-process huwa zied jghid li meta mar wara l-vettura li kienet telqet minn fuq il-post kien baqa' jaraha. Huwa waqaf biss meta ra l-pajpijiet tal-hadid li kienu gejjin fid-direzzjoni tieghu. Meta gie mistoqsi il-ghala ma kienx qal dan id-diskors li l-pajpijiet tal-hadid kienu gejjin lejh meta xehed l-ewwel darba izda sempliciment li kien sema' xi hoss ta' metal u kien sab xi pajpijiet huwa rrisponda li dak il-hin ma setax jara x'kienu ezatt ghaliex it-triq kienet imharbta hafna u ma kienx hemm bini. Huwa zied jghid li l-pajpijiet ma kienx rahom izda kien hasshom li gejjin lejh. Huwa gharaf lill-imputat meta fil-fatt kienu diga waqfuh il-kollegi tieghu u gie arrestat ghaliex meta kien warajh kien tilfu izda kien rah sejjer direzzjoni u kien qal lil shabu li huma kienu daru direzzjoni ohra minn dik li kienet sejra l-vettura tal-imputat. Huwa qal li kien ra l-pajpijiet fl-art malli telqet il-karozza minn fuq il-post.

Ikkunsidrat:

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex persuna tigi ddikjarata hatja, l-akkuzi fil-konfront tieghu ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni. Il-Qrati taghna taw diversi sentenzi fuq dan il-principju u fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Jigri wkoll li mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni jkun hemm provi ohrajn mhux diretti. Illi fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Ottubru, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Gauci et,** fejn gie ritenut li:

> *"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gram Charles Ducker (*Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-dsatax ta' Mejju, 1997)*** gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi ghalhekk huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil persuna akkuzata huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

> *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire,spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Ikkunsidrat

Illi ssir referenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet r-Repubblika ta' Malta v George Spiteri deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05.07.2002) fejn intqal is-segwenti dwar il-provi indizjarji:

> *'L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew*

*konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi*.

Fil-kaz fl-ismijiet Pulizija v Paul Grech deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April tas-sena elfejn u wieħed (06.04.2001) intqal illi:

*'l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat*.

Anki fil-kaz Pulizija v James Abela deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-ħdax ta' Lulju elfejn u tnejn (11.07.2002) gie ddikjarat illi:

*"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi*

> *cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin'.*

Illi wara li l-Qorti rat kemm ix-xhieda tal-istess Pulizija involuti f'dan il-kaz kif ukoll il-provi cirkostanzjali kollha migjuba mill-Prosekuzzjoni ma tistax ma tasalx ghall-konkluzjoni li l-imputat kien involut fis-serqa tal-oggetti in kwistjoni. Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada datata l-ħmistax ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (15 ta' Mejju 2009) gie stabbilit illi:

> 'L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci'.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz odjern il-provi kollha jippuntaw b'mod univoku lejn l-imputat bhala l-persuna li effetwa s-serqa de quo. Kif intqal aktar 'il fuq waqt li l-Pulizija kienu qeghdin jaghmlu roadblock raw vettura li ghamlet manuvra suspettuza biex tevita li titwaqqaf minnhom. Kien ghalhekk li l-Pulizija segwew din il-vettura kemm bil-mixi kif ukoll bil-vettura taghhom u wara li twaqfet fi triq vicin fejn giet innutata gie arrestat l-imputat. Mix-xhieda ta' PC 199 Mark Muscat hareg bic-car li meta din il-vettura kienet qed tahrab minn fuq il-post sema' hoss ta' kanen jaqghu fl-art u fil-post fejn sema' l-hoss instabu l-pajpijiet tar-ram li gew identifikati minn James Muscat bhala dawk

li kienu nsterqulu mill-Pixkerija. Ghalkemm ebda pajp ma nstab fil-vettura tal-imputat jidher bic-car li kienet l-unika vettura li kienet ghaddejja minn dak il-post meta waqghu u nstemghu jaqghu il-pajpijiet fl-art. Kien biss l-intervent f'waqtu li wassal lil Pulizja li jwaqqfu lill-imputat milli jahrab minn fuq il-post. Irrizulta mix-xhieda tal-istess Jason Muscat li l-ahhar li kien ra l-kanen tar-ram f'posthom kien tlett ijiem qabel. Illi fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi kemm ghal fatt li l-istess imputat wettaq manuvra suspettuza waqt li kien ghaddej ir-roadblock u anki ghal fatt li meta huwa ghadda minn triq bil-Pulizija warajh instemghu hoss ta' kanen jaqghu fl-art li wara irrizulta li kienu l-istess bhal dawk li kienu ghadhom kemm insterqu mill-vicinanzi. Ghalkemm l-ammont ta' kanen li nstabu kienu ferm anqas minn dawk li kienu nsterqu minn gewwa l-post fejn kien qieghed isir ix-xoghol, illi jidher li s-serq taghhom kienet ilha ghaddejja matul dawn it-tlett ijiem li ma kienx ghaddej ix-xoghol izda f'dan il-kaz ma tresqitx prova li fil-fatt dawn il-kanen gew misruqa kollha mill-imputat. Illi ghalhekk is-sejbien ta' htija tal-imputat hija limitata biss ghal dawk-il-kanen li nstabu dakinhar li gie mwaqqaf fir-roadblock. Mill-assjem tal-provi johrog bic-car li kien l-imputat l-unika persuna li seta’ tefa’ fit-triq dawn il-kanen tar-ram li nstabu mill-Pulizija fil-post minn fejn kien ghadu kemm ghadda hu bil-vettura tieghu u li l-Pulizija semghu jaqghu appena ghaddiet il-vettura tal-imputat. Dawn il-provi indizjarji lkoll jindikaw b’mod univoku li l-kanen tar-ram kienu fil-vettura tal-imputat meta kien qieghed jahrab minn fuq il-post. Illi ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti ma tistax ma tasalx ghal konkluzjoni li kien l-istess imputat li seraq tali oggetti u li kienu fil-pussess tieghu waqt li huwa kien qieghed jahrab minn fuq il-post. Din il-Qorti sejra ghalhekk ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u cioe’ tas-serq tal-pajpijiet

tar-ram minn Albert Town il-Marsa liema serq huwa kwalifikat bil-hin, bil-mezz u bil-valur li ma jaqbizx l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Euro.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi rrizulta wkoll li l-imputat  kellu fil-pussess tieghu pjanca ta' vettura ohra u cioe' dik bin-numru tar-registrazzjoni KAR243 liema vettura kienet tappartjeni lil Joseph Coleiro. Dan Coleiro xehed f’dawn il-proceduri u spjega li kien halla dawn il-pjanci fil-vettura f’ghalqa stante li l-istess vettura kellha tigi skrepjata u qatt ma kien jaf li dawn spiccaw misruqa. Illi mill-provi ma jirrizultax pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li kien l-imputat odjern li seraq dawn il-pjanci ta’ registrazzjoni izda jirrizulta pruvat li sid dawn il-pjanci kien jaf fejn hallihom u qatt ma ghaddihom lil terzi u rrizulta minghajr dubju li dawn il-pjanci nstabu fil-pussess tal-imputat meta huwa twaqqaf mill-Pulizija u li huwa ma kellu ebda spjegazzjoni plawzibbli sabiex jiggustifika tali pussess. Isegwi ghalhekk li ghalkemm l-imputat ma jistax jinstab hati tas-serq tal-pjanci huwa jista’ jinstab hati tar-ricettazzjoni tal-istess pjanci. L-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi permezz tar-raba’ mputazzjoni l-imputat gie wkoll akkuzat li saq vettura li ma kinitx koperta b’polza t’assigurazzjoni u d-debita licenzja. Mill-provi rrizutla li l-vettura misjuqa mill-imputat kietn regsitrata f’isem Liona Bartolo u li ma kinitx koperta b'polza t'assigurazzjoni u ma kelliex licenzja imgedda

u l-imputat qieghed jinstab hati anki tar-raba' mputazzjoni u cioe' talli saq vettura CAG 397 minghajr licenzja u mhux koperta b'polza t'assigurazzjoni.

Illi mill-provi rrizulta wkoll li permezz ta' digriet ta' bail ta' din il-Qorti kif presjeduta mill-Magistrat Micallef Trigona tal-31 ta' Lulju 2013 giet imposta kundizzjoni fejn l-imputat kellu jirrinkaza sas-7pm u ma jergax johrog qabel l-10am. Mill-provi rrizulta li l-imputat twaqqaf mill-Pulizija fir-roadblock fis-1.00am u isegwi ghalhekk li huwa kiser il-kundizzjoni tad-digriet ghall-helsien mill-arrest appena citata. Ghaldaqstant l-imputat ser jigi misjub hati tal-hames imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu. Mill-provi rrizulta wkoll li l-imputat huwa recidiv skond l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali (vide sentenzi esebiti a fol. 125 sa 132 tal-atti processwali) kif ukoll li huwa kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu ai termini al-Artikolu 7 tal-Kap. 446 permezz tas-sentenza ta din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-22 ta Frar 2012 (kopja nserita a fol. 129 tal-atti processwali). L-imsemmija sentenzi lkoll fihom il-konnotati tal-imputat li jindikaw li dawn is-sentenzi nghataw fil-konfronti tal-imputat odjern

Ghall-finijiet a' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat huwa recidiv u li huwa diga' nghata l-opportunita' li jirriforma ruhu izda ma gharafx japprofitta ruhu minn tali opportunita' u fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 20, 31, 49, 50, 289, 261(b), (c), (f), 263, 264, 267, 270, 278, 279, 280 u 579 tal-Kodici Kriminali kif ukoll

l-Artikoli 7 u 23 al-Kap. 446 u l-Artikolu 15(1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva u tikkundannah tlett (3) snin prigunerija u tiskwalifikah milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) –il xahar millum. Stante li t-tieni (2) mputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghat-tielet (3) imputazzjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

Il-Qorti inoltre b' applikazzjoni tal-Artikolu 579(3) tal-Kodici Kriminali qed tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest moghti minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-31 ta' Lulju 2013 u tordna r-ri-arrest mill-gdid tal-imputat b' effett immedjat.

**MAGISTRAT**